MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Numru 66/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**VS**

**YARI GEORGE BALDACCINO**
**DOMINIC ELLUL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Yari George Baldacchino, ta' 21 sena, bin George u Lorenza nee' Gauci, imwieled tal-Pieta' nhar it-12 ta' Novembru, 1984, residenti fil-fond numru 54, Sharazan, Triq Ganni Bonnici, Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 546 084 (M);

U Dominic Ellul, ta' 24 sena, bin Martin u Mary nee' Magro, imwieled tal-Pieta' nhar is-7 ta' Frar, 1981,

residenti fil-fond numru 10, Triq l-Arkata, Paola, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 98681 (M);

Akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, f’xi gurnata f’Awissu, 2005, approprjaw ruhhom billi dawru bi profit ghalihom, jew ghal persuni ohra, minn haga ta’ haddiehor, li kienet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu li ggib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ hadu u zammew ghandhom erbghin lira maltin (Lm40.00) ghad-dannu tal-kumpanija HP Cole Ltd ta’ 65/66, Triq il-Marina, tal-Pieta’, liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amminstrazzjoni, kariga jew servizz taghhom;

U kif ukoll talli fl-istess perjodu, u cirkostanzi, bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercitaw jhedd li jippretendu li kellhom, gieghlu bl-awtorita’ taghhom infushom, lil xi hadd inhallas dejn, jew jesegwixxi obligazzjoni, tkun lit kun, jew b’xi mod iehor, kontra l-Ligi, indhalu fi hwejjeg haddiehor.

Wara li rat l-Artikoli 293 u 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq biex jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom;

Wara li semghet il-partijiet jittrattaw fuq il-piena.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija mputati Yari George Baldacchino u Dominic Ellul hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, u dan *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------